IT-TIENI KTIEB GUNJU
TAL-GHAXAR SENA 1934

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GĦADD

Poeżija tagħua--Taqriq il-għajnejn (V.M.B)--'L-aħħar tislima ta' Wolsey (*)—Iż-żjara tiegħi lil G. K. C. (D. Karm)—L-Arloġġ tal-Baxa (T.Z.)—"Katrin ta' l-Imdina" ta' Dwardu Cachia (D. Karm)—Mikiel Anton Vassalli (A.C.)—L-Abbati tal-Palazz tas-Sinjura Bettina (Kan. G. M. Farrugia)

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* IT-TIENI KTIEB TA' L-1934

## POEŻIJA TAGĦNA.

*The poetry of a people takes its life from the people's speech.*
T. S. ELIOT.

Il-bniedem ma jgħixx bil-ħobż biss: meta hu sab l-ikel u xaba', jiġifieri, meta tà lill-ġisem dak li hu lilu meħtieġ għall-ħajja materjali, iħoss il-bżonn ta' ikel li ma jitmiegħedx bis-snien u jmur fl-istonku, iżda li jidħol fil-moħħ u fil-qalb, u jnissel u jżomm il-ħajja tar-ruħ.

In-Natura, dejjem tal-għaġeb fit-taqsim, fit-tiżwiq u fil-proporzjon tagħha, ma' ġenb ir-raba' fejn imewweġ iż-żara' u jiżahru l-oqsma tas-siġar tal-frott, tifrex twapet tal-ward, ward ta' kull daqs, ta' kull għamla, ta' kull lewn, ta' kull fwieħa; għaliex, jekk iż-żara' jrabbilna l-ħobża bnina u tas-saħħa, il-ward jagħtina d-dija u l-għaxqa tal-ġmiel: u kif dik ixxaba' lill-ġisem, hekk dan iserraħ u jwettaq lir-ruħ.

Hekk ukoll fil-letteraturi tan-nazzjonijiet. Ma' ġenb ix-xjenza pratka li taħseb għall-bżonnijiet tal-ġisem fil-ħajja tiegħu—u tixbah lis-siġar tal-frott—hemm ukoll il-POEŻIJA, li nistgħu nsejħulha l-ġnien letterarju, għaliex hi teżisti biex tagħti lir-ruħ dak is-sens ta' għaxqa, ta' hena, ta' ferħ, li ma jiġina qatt mix-xjenza pratka.

Issa, biex il-poeżija ta' poplu tkun tas-sew il-ħobż tar-ruħ tiegħu, jeħtieġ li tkun poeżija TAL-POPLU, jigifieri, maħsuba minnu u miktuba fil-Isien magħruf u mitkellem minnu: għaliex, kif il-warda hi dejjem bint l-art fejn titwieled, jew fejn titraqqad, hekk il-poeżija hi dejjem bint il-qalb li minnha toħroġ; u l-qalb ta' poplu l-ebda kelma ma tista' tfissirha sewwa ħlief il-kelma tiegħu.

Il-poeżija ta' poplu tieħu l-ħajja mill-ilsien tiegħu, li min-naħa l-oħra jistgħana u jisbieħ bil-poeżija li titnissel minnu, Il-poeżija tagħna—bint qalbna—titlob il-kelma tagħna. Il-Poeżija miktuba f'ilsna barranin ma tista' qatt tkun POEŻIJA TAGĦNA,

# TAQRIQ-IL-GĦAJNEJN

Id-dubbiena minn ġe' t-tieqa
Bħar-raddiena ddur u ttir,
Ħsibtha seqer q'ed jissaqqar!!
Fl-ajru, bogħ'd, daqs tikka żgħir!

V.M,B

# L-AĦĦAR TISLIMA TA' WOLSEY

*( Minn Henry VIII ta' Shakespeare )*

Saħħa għal dejjem, kobor tiegħi kollu!
Din tal-bniedem ix-xorti : il-lum it-tama
Tħaddar ġo qalbu, għada l-fjuri toħroġ
U fuqu l-ġieħ jinżel jiksih bid-dija;
Mat-tielet jum tiġi l-borra li teqred
Weraq u xtieli, u meta l-bniedem, iblah,
Jaħseb li kiber sewwa u ħadd ma jista'
Għalih, dik tinżel ġewwa l-għerq u ttemmu,
U bħalma jien issa hekk l-imsejken jaqa'.
Bħat-tfal bla ħsieb li jgħumu fuq il-bżieżaq,
Hekk jien żmien twil mort ngħum f'baħar ta' kobor
Wisq iktar minn li missni : ġiehi ntefaħ
U fl-aħħar hawna, taħt saqajja, tfaqqa';
U issa, issa li tgħakkist u xjieħt, xeħetni
F'wied għaddej li bil-fors għandu jobromni.
Bu għalik, ja tlellix fieragħ tad-dinja!
Inħoss qalbi tiġġedded. Oh tassew
Imsejken min irid minn dak li jsaltan.
Bejn dik id-daħka li tistenna minnu
U l-wiċċ ikrah li juri u l-waqgħa tiegħu
Hemm wisq iżjed imrar, wisk iżjed għali
Minn li fihom flimkien gwerer u nisa;
U meta jaqa', jaqa' bħal Luċifru,
Bla tama ta' qawmien.

*

# IŻ-ŻJARA TIEGĦI LIL G. K. C.

Xi wħud minn dawk li jaqraw dan it-titlu għandhom mn'ejn jistaqsu: "X'jfissru dawk it-tliet ittri?"

Ingħidulhom malajr: Huma l-ewwel ittri ta' Gilbert Keith Chesterton. Dan hu wieħed minn dawk il-bnedmin tal-għaġeb li Alla jibgħat meta, u fejn jidhirlu biex jagħmlu l-gid lill-bnedmin. Il-lum dan ilb-niedem hu magħruf minn kulħadd fid-dinja letterarja, u dawk it-tliet ittri kulħadd jaf x'isarrfu.

Twieled Londra, fid-29 ta' Mejju, 1874. In Natura għanetu b'xejriet ta' moħħ u ta' qalb mill-aktar sbieħ, u qawwija u mżewwqa. Kittieb bieżel, ħafif u bla għejja, issibu kull fejn tfittxu. Hu ġurnalista, konferenzier, poeta, kritiku, bijografist, storiku, politiku; u x-xogħlijiet li ħaseb, kiteb u ħareġ f'kull għamla u f'kull daqs ta' kotba huma ħaġa li tgħaġġeb. L-istil tiegħu hu tiegħu u ta' ebda ħaddieħor. Mill-1905 sa l-lum bagħat "Essay" kull ġimgħa lil "*The Illustrated London News*" ta' Londra, u f'disgħa-u-għoxrin sena ma naqasx ħlief darbtejn.

Meta tarah, G K. C. taħsbu xi ġgant: mibni b'saffejn, qawwi u għoli li aktarx jisboq fit-tul lil kull min jersaq ma' ġenbu: iżda ma jżommhiex; u sa l-lum li għandu sittin sena żamm il-ħlewwa u s-semplicità ta' tifel.

Fl-1922 G. K. C. telaq għal kollox il-protestantiżmu u għadda għar-Reliġjon Kattolika. Dan tista' tgħid ma biddlu xejn, għaliex f'qalbu u fi ħsiebu dejjem kien fehem u ħass hekk. Kemm ġid għamel ġewwa l-Inghilterra bil-kotba tiegħu minn dak-in-nhar il-hawn, Alla biss jista' jafu.

* * *

Ma' dan il-bniedem, tajjeb, għaref, minn tagħna, li kont ili s-snin naqra l-kitba tiegħu u nitgħaxxaq biha, u li jiena kont inħobb mill-bogħod u nixtieq nara mill-qrib, kelli x-xorti nitkellem għal nofs siegħa nhar it-tlieta, 15 ta' Mejju li għadda.

Waħda xbejba li kienet niżlet miegħu fil-vjaġġ minn Ruma sa Malta, ġiet filgħodu fl-Uffizzju tiegħi, il-Biblijoteka, u għarrfitni li G. K. C. kien qiegħed ħawn Malta, fl-Osborne: u

billi kienet daqsxejn ta' ġewwa miegħu u taf xejrietu, ħajjritni ħafna biex wara nofs-in-nhar nagħmillu żjara ċkejkna. Bqajt bejn ħaltejn; iżda mbagħad wegħedtha li mmur dak-in-nhar wara t-thè ta' l-erbgħa, u, ta' kelmti, fil-ħamsa kont fil-bieb tal-Hôtel.

Staqsejt għalih u bgħatt il-biljett tiegħi. Żewġ minuti wara kont miegħu.

*
* *

Ingħid is-sewwa, jiena ma kelli ebda ħsieb u ebda fehma fiż-żjara tiegħi lil dan il-bniedem ħlief li narah u nkellmu; għalhekk ma kelli ebda suġġett li jrossni aktar minn ieħor, u t-taħdita tagħna kienet aktarx qabbiżija u mżewwqa.

Kif dħalt, tani idu. Jiena ħadtha u bla ma ridt rassejtha, u għidtlu dritt li jiena bniedem minn dawk li fejn tħobb il-qalb, jimxu r-riġlejn, u li dik iż-żjara tiegħi kellha l-egħruq tagħha f'qalbi, u mhux f'moħħi.

Daħak dik id-daħka tiegħu ta' tifel ċkejken u wera li fehemni u li jogħġbuh il-ħwejjeġ magħmulin mill-qalb.

Newwilli sigarru. Iżżejtu ħajr u għidtlu li ma npejjipx. Semmejna t-temp, li dak-in-nhar inzerta mċajpar u jdellek, u għidtlu li f'Mejju kien barra minn żmienu, u li ma jdumx.

Billi kont naf li ma kienx f'siktu biż-żejjed, staqsejtu fuq saħtu. Qalli li riġlejh ma kenux igħinuh ħafna u ma kienx jista' joħroġ, anqas jitħarrek bil-ħeffa.

Tkellimna mbagħad fil-qasir fuq il-kotba tiegħu li għandna fil-Biblijoteka. Xħin semmejtlu l-aħħar wieħed, (li għadu ma waslilniex) Thomas Aquinas, tbissem u qalli: Meta kkonvertejt, wegħedt li nikteb xi ħaġa fuq San Tumas... u ħarrek rasu donnu biex ifisser li kien għaġġel wisq iwiegħed. Jiena għidtlu: Iżda meta Mr. Chesterton iwiegħed, jew kmieni, jew ftit imwaħħar, il-wegħda tiegħu sseħħ: il-ktieb fuq San Tumas il-lum hi ħaġa mitmuma.

Semmejna xi kittieba ngliżi kattoliċi ħajjin. Meta ssemma Fr. C. C. Martindale, għamel bħal sinjal ta' qima; meta mbagħad issemma Hilaire Belloc, wiċċu libes bħal dawl sabiħ.

Jiena fhimt li dak l-isem marbut ma' qalbu mhux biss bir-rabta tal-ħbubija, iżda b'rabta aktar sħiħa, dik ta' għan wieħed fil-ħtieġa tal-ħajja u fil-ħidma għal ideal kbir.

Meta staqsejtu fuq is-safra tiegħu, qalli li ħsiebu kien li jossokta l-vjaġġ sal-Palestina u li kien niżel sa Sirakusa bil-fehma li jgħaddi għax-xtut tal-Affrika ta' fuq, biex minn hemm jiġbed għall-Lvant; iżda billi riġlejh ma jgħinuhx ħafna u s-sħana bdiet tinħass sewwa, qata' li jiġi Malta u minn hawn għad-dar. Nagħli ħafna, għidtlu, li ma stajtx taqta' xew-qtek u tasal sa l-art fejn għadda ħajtu Sidna: nifraħ min-naħa l-oħra, illi Malta kellha x-xorti tilqgħek fi ħdanha. Tbissem.

Għall-mistoqsija tiegħi "Kemm kien fi ħsiebu jdum magħna" wieġeb: Aktarx nitlaq għad-dar il-ġimgħa d-dieħla.

Ħajjartu biex, jekk ikun jiflaħ, jittawwal titwila l-Biblijo-teka: weġibni li jagħmel l-aħjar li jista'.

Wara dan għidtlu li ma xtaqtx intellfu żmien iżjed, u bla ma ħallejtu jqum mis-siġġu, ħadtlu b'idu u sellimtlu bit-tislima maltija "Saħħa". Baqa' jħares; iżda meta għidtlu li dik hi t-tislima tagħna u fissirthielu, daħak, għafasli idi mill-ġdid u nfridna.

Dawk it-tletin minuta li għaddejt miegħu, dak il-bniedem hekk ċkejken fil-kobor, kienu mill-aktar henjin, u, naħseb, ma ninsihom qatt.

DUN KARM

205/3/4

# L-ARLOĠĠ TAL-BAXA

Wiġi Żrafa kien imrobbi Bengħażi. Niesu kienu jirahnu lill-Għarab u hu, meta kiber, baqa' f'dax-xogħol. Il-Għarab darba fis-sena jitqassmu f'xirka meta ssir is safra l-kbira lejn il-Fezzan, Kufra, Tibesti, fuq mijiet ta' iġmla biex fis-swieq ta' dawk il-pajjiżi moħbija fir-ramel jixtru avorju (snien) rix tan-ngħam, tamar, bħur u kulma jgħodd għalihom. Għalhekk jitgħabbew bil-gordi tal-fidda, egħwieq ta' Sqallija, gordi tax-xemx, ta' Maria Teresa, Colonnati u x'naf jien,u biex jiġbru dawn il-flus jirahnu l-fided tan-nisa tagħhom, jekk is-safra tarġa' lura b'wiċċ il-ġid min jislef jitħallas bl-imgħax, jekk jiġri xi għawġ, min jislef iżomm il-fidda tar-rahan.

Wiġi Żrafa stagħna f'dan negozju u fl-aħħar meta ħassruħu beda jixjieħ ġabar ġidu u ħaseb li jitlaq minn Bengħażi u jarġa' għal Ħal-Qormi fejn kien baqagħlu xi ħadd minn niesu.

Ħal Qormi xtara dar qrib ta' San Bastjan, ħa miegħu lil bint oħtu Ġorġa u bejn il-Kappillan, it-tabib u l-ħbieb l-oħra tar-raħal nesa, f'qasir żmien, il-prakan ta' Bengħażi, l-iġmla u riħ il-ħamsin.

Meta tgħarrset Ġorġa kitbilha dota sabiħa u taha arloġġ tad-deheb ċkejken kollu smalt u ġawhar li kien wisq għal qalbu għax tifkira tal-Baxa Meħmet Ali li kien iġibu wisq.

Wara t-tieġ, il-għarajjes telqu lejn Ruma. Iz-ziju Wiġ ħallsilhom il-vjaġġ u berikhom. Lil Ġorġa qallha: "Ibżagħli għall-arloġġ għax jekk titilfu nitwegħru bl-ikrah."

Inħallikom taħsbu xi vjaġġ ħelu minn Malta għal Ruma, u kemm ġrew u x'raw u xi xtraw fl-ewwel ġimagħtejn. Ix-xitan deffes denbu fl-aħħar ġimgħa għax ħin bla waqt ħallsu l-laħam ta' kemm daħku u ġrew.

Fil-ġnien ta' l-annimali waqfu darba quddiem il-gaġġa ta' l-ingħama u Ġorġa ssaħħret wara l-qabda rix li kellha f'denbha dik il-għasfura daqs ħmar. "Ara tiksiblix rixa minn denbha" qalet lil Bastjan, ili nixtieq waħda għall-kappell—jien nuriha ħbejża u int nittfilha rixa malli tiġi għal idejk."

Bastjan daħak u xtaq jaqtgħalha xewqitha lill-għarusa, imma ma sata' qadd imidd idu lejn denb l-ingħama.

Fl-aħħar il-għasfur donnu tħajjar sewwa għall-ħbejża ta' Ġorġa għax ħareġ rasu minn bejn il-lasti. Imma m'hux lejn il-ħobża qabad iħares, laqtu aktar it-tlellix ta' l-arloġġ li Ġorġa kellha mehmuż f sidirha. Hin bla waqt, leħħa ta' berqa, l-ingħama tat daqqa ta' munqar u l-arloġġ ma deherx iżjed.

Ġorġa għajtet għajta tal-biża' : "l-arloġġ, Bastjan, serqithuli l-ingħama".

Bastjan twerwer imma ma setax ħlief iwaddab qabda żrar lejn il-gaġġa u jgħajjat lill-gwardjan li ma kienx fil-bogħod.

Meta sama' x'ġara, il-gwardjan ma sabx x'jagħmel—"Min qalilkom tersqu lejn il-gaġġa ? - Ara xhemm miktub - Dak annimal perikuluż - Sinjur qalbi, jekk l-arloġġ belgħu nistennew li jneħħih minn wara - x'nista' ngħidlek ? Jien nagħmel li nista' u kull jum niġbor dak li jħammeġ u malli nara l-arloġġ inġibhulek.

"Jekk iġġibli l-arloġġ hemm 200 frank għalik u ta' kull jum għandek 10 franki jekk tagħti daqqa ta' għajn għalli jista' jkun.

Il-għarajjes ma ħarġux aktar mil-lukanda ħlief biex iħarsu lejn l-ingħama li sabuha dejjem iddur fil-gaġġa donnu ma ġara xejn.

Bastjan kien kull jum jiltaqa' mal-gwardjan bil-10 franki f'idu biex jisimgħu jgħid: "niente, signore".

Għodwa waħda jasal il-gwardjan imbegħren bla beritta - "Signore l'orologio trovato"

Bastjan bid-dmugħ f'għajnejh ħareġ karta ta' mitejn frank u ħa f'idu l-arloġġ imqartas f'biċċa karta strazza.

Il-ferħ ta' Ġorġa, id-dehxa ta' Bastjan, ir-rogħda tal-gwardjan kien fihom x'tara. L-arloġġ kien insab fil-gaġġa moħbi f'rokna mudlama bejn żewġ ġebliet.

Bastjan mar bih għand arluġġar u talbu jara fihx xi ħsara u jaħseb li jagħtih tindifa kif imiss. L-arluġġar qallu jgħaddi il-għada u jġib miegħu 100 frank.

L-arloġġ raġa' f'idejn Ġorġa', ileqq u nadif donnu għadu ġej minn għand il-Baxa.

Il-għada l-għarajjes qatgħu l-passaġġ lejn Malta u b'wiċċ il-ġid waslu Ħal Qormi fejn iz-ziju Wiġ kien ilu jistennihom ħmistax.

Wara li feraħ bihom bla qies, stagħġeb mhux ftit meta sabhom mixruba t-tnejn donnhom qamu minn marda.

Hawn beda l-kliem b'ieħor u ħarrfu kemm felħu imma l-ewwel wrewh kien l-arloġġ tal-Baxa f'kaxxa miksija bil-bellus aħmar. L-ingħama, u t-taqtigħ ta' qalb ma semmewhom xejn u z-ziju Wiġ ma riedx jaf aktar meta ra li reġgħu ġew f'tagħhom; għax bil-ftit il-ftit kollox intesa u l-għarajjes għammru u tammru u maż-żmien iz-ziju Wiġ tgħaxxaq bl-ewwel sabi ta' Ġorġa u ma kienx irid jarah jitbiegħed minn għajnejh sa ma kiber u beda jinbxu.

T. Z.

# "KATRIN TA' L-IMDINA"

## TA' DWARDU CACHIA

### B'DAĦLA U TIFSIR TA' DUN KARM.

### *KELMTEJN QABEL*

Nistħajjel illi tmienja minn kull għaxra li jaqraw fuq wiċċ dan il-ktieb l-isem ta' Dwardu Cachia, jistaqsu lilhom infushom : "Min hu dan Dwardu Cachia ?"

U ma għandhomx tort; għaliex, għalkemm għad baqa' ħafna nies ta' żmienu li setgħu jiftakru sewwa f'dan il-kittieb, wisq ftit huma dawk li għandhom ħjiel tiegħu. Aħna nfusna li dħalna għal dan ix-xogħol u li stħarriġna lil dawk kollha li kellhom xi rabtiet ta' demm, jew ta' xogħol ma' dan il-bniedem, ma stajniex niksbu ħlief ftit u ftit wisq fuq il-ħajja tiegħu.

*
* *

Dwardu Cachia twieled l-Isla fl-1858. Ta' xi sitta jew seba' snin daħal l-iskola tal-Gvern, u ngħażel malajr minn sħabu għall-għaqal u d-dehen li kellu, u mhux anqas għat-tjieba ta' qalbu.

F'April tal-1874, jiġifieri meta kellu sittax-il-sena, għażluh surmast assistent, u beda jgħallem fl-iskola tal-Birgu, minn fejn għadda għal dik ta' l-Isla u fl-aħħar għal dik ta' Ħal-Tarxien.

Jidher li l-ħajja tiegħu tad-dar ma kenetx kollha ward.

Ħa l-pensjoni fl-ewwel ta' Frar, 1907, u miet fit-12 ta' Ġunju ta' dik is-sena, meta kien għad ma għalaqx il-ħamsin.

*
* *

Fil-ħajja letterarja tiegħu, Dwardu Cachia kellu żewġ taqsimiet : fl-ewwel waħda ħadem, biex ingħid hekk għal-rasu, immexxi biss mix-xejriet qawwija li sa minn tfulitu kellu għat-tqabbil, u f'din it-taqsima kiteb bħal ma jgħidilna hu in-nifsu, xi ċajt u xi "ħmerijiet", (Ara "Taqbil bil-Malti ta' Dwardu Cachia, Malta 1886"); fit-tieni ħadem taħt it-tmexxija ta' xi nies għaqlin tax-Xirka Xamija, li kienu għarfu x-xeħta li Dwardu kellu għall-poeżija u fettxew li jdawru dik ix-xejra u s-setgħet li hu kellu, għal xi ħwejjeġ aħjar, jiġifieri għal poeżija tas-saħħa, mimlija, sabiħa u fejjieda, billi jaqbad igħanni xi ġraj-

jiet mill-Istorja ta' Malta fejn jidher il-karattru ta' niesna, id-drawwiet tagħhom fl-imgħoddi u xi turijiet tar-Reliġjon illi fl-istorja tal-Maltin intisġet dejjem sħieq ma' l-imħabba tal-pajjiż.

* * *

Xi għanjiet żgħar bħal ma huma "It-Tliet Ħutiet", "Ġlieda bejn żewġ Xjuħ", "Il-Għerf ta' Ċakkar" u oħrajn huma aktarx xogħol ta' l-ewwel taqsima, jiġifieri, ta' Dwardu Cachia il-Qabbieli; iżda "Katrin ta' l-Imdina" hi bla dubju ta' xejn tat-tieni taqsima, u b'din il-għanja l-poeta qabbieli tala' telgħa sabiħa ħafna max-xaqliba ta' Elikona u sar poeta tal-ħsieb u tas-sengħa.

Id-disinn ta' din il-għanja ma satax ikun imqassam aħjar, biex jaqla' dak l-effett li ħaseb u li xtaq il-poeta. Fl-ewwel qatgħa, b'dawk il-versi tas-sitta, li jidħlu b'mixja ħafifa, imma rżina, u bla għaġla, bħal mixja ta' min jaf li dieħel biex jaqdi dmir, għalkemm ukoll biex jaqta' xewqa, tħosshom itellgħuk ħelu ħelu sal-quċċata l-iżjed għolja tal-hena li tista' ġġarrab qalb ta' xebba fil-jum tal-għarusija u tat-tieġ tagħha.

Fit-tieni qatgħa, il-bidla tal-versi tas-sitta f'oħrajn tat-tmienja, li tiġi għall-għarrieda, turik mill-ewwel illi s-sema tal-hena beda jitgħajjeb bi sħab sewdieni ta' twiegħir, ta' mrar, ta' thed-did, ta' ħbit; u mal-versi, wara l-ħabla ta' l-ewwel aħbar, donnok tisma' l-ġiri tal-Maltin qalbiena taħt it-triġija tal-Ħakem li fuq l-imħabba tax-xebba li saret martu, iqiegħed l-imħabba tal-pajjiż u tal-ħaqq, u jħeġġeġ lill-Maltin miġbura fl-Imdina, biex imorru jitqabdu mal-kefrin ta' Torok li kienu qegħdin iħarbtu l-għelejjel fir-raba', u jxerrdu l-biża' u d-demm fir-rħula.

Ir-reġgħa, mbagħad, mill-versi tat-tmienja għall-versi tas-sitta li bihom kien għadu kif għanna t-tieġ ta' Katrin mal-Ħakem, u issa sa jgħanni l-ħasra ta' din l-imsejkna li f'jum wieħed minn xebba u għarusa. issir mara u tormol, iġġiblek bħala kesħa ma' ġismek, li minn qabel ma jgħidhulek il-poeta, inti tħoss li qiegħed quddiem ix-xbieha tal-mewt.

Il-versi, Dwardu Cachia, dejjem ħadimhom tajjeb, saħansitra meta hu kiteb biex isawwar xi ħliqa u xi ċajta: imma, f'Katrin tal-Imdina, il-versi tiegħu fihom sengħa ġdida, togħma iżjed bnina, u għandhom daqq bħal ta' qampiena li taf id-doqq il-mota tal-ferħ u tal-hena, u taf wkoll tikser fil-bikja tal-għali, tat-telfa, tal-mewt.

U l-Malti ta' Dwardu Cachia hu Malti safi, imma bla tiġbid u bla tfittix. Il-kliem magħżul u mqiegħed tajjeb, u l-kelma dejjem tfisser dak li jrid il-poeta u mhux ħaġa oħra. Jekk taħsel tbiddillu kelma, tintebaħ minnufih li ħassart il-ħsieb tiegħu. U kliem żejjed ma hemmx : kull kelma għandha l-ħġieġ tagħha, u ma tneħħix waħda li ma tħallix il-vojt.

*
* *

Għal dana kollu, jiena naħseb illi, jekk il-letteratura maltija tgħodd erba' poeti, Dwardu Cachia jistħoqqlu li jingħadd magħhom, 'kk mhux imħabba fil-għana l-ieħor tiegħu, imħabba f'din il-waħda li fit-tifsila, fil-qatgħa, fil-lewn u fix-xerqa tagħha turi sengħa tal-kitba mill-isbaħ.

U għalhekk, biex poeżija bħal din ma tintesiex, u biex kulħadd jkun jista' jifhimha u jduq il-benna tagħha, jiena ħsibt illi noħroġha f' "Il-Malti" b'dawn l-erba kelmiet ta' qabel u bi ftit tifsir ta' dak li deherli tqil fin-nisġa tagħha.

## KATRIN TA' L-IMDINA

1

Isimgħu di' l-ġrajja
U żommu b'tifkira
Il-għors ta' żewġ għonja
Mill-aktar tal-Gżira.

Nofs Malta bi ħġarha
Biex tara l-Katrina
Ittejjeġ mal-Ħakem
Tmur bikri l-Imdina.

---

1. Għors. Bir-reqqa, għors ifisser iż-żmien li fih xebba u għażeb jitħejjew għaż-żwieġ. Minn din il-kelma, bħala minn għerq, jitnisslu *għarus u għarusa.*

Bi ħġarha, flok b'ħaġarha, jew bil-ħaġar tagħha. Għajdut sabiħ biex ifisser li marret sa l-anqas ruħ tal-pajjiż.

Ħakem.—Fiż-żmien li Malta kienu jagħmlu minnha l-imperaturi ta' Spanja, il-Ħakem kien il-prefett jew il-gvernatur ta' Malta. Fil-kitba uffiċċjali taljana u spanjola kienu jsejħulu "Capitano di Verga," għaliex hu kellu l-jedd li jġib miegħu raġel li jżommlu t-tarka u għasluġ (verga) bħala għelm ta' setgħa.

Bikri.—Kmieni; minn *bakar, jobkor* li jingħad għal-frott li jilħaq qabel żmienu.

L-Imdina. Dak iż-żmien l-Imdina kienet il-Belt Kapitali, jew ewlenija tal-Gżira; u hemmhekk il-Ħakem kellu d-dar tiegħu, u hemmhekk kien qagħadu.

2

Bir-rassa minn kmieni
Miżgħud kollox kien,
Fejn rasek idaħħal
Ma fadal imkien;

Id-dar hi maħnuqa,
Bħal bajda mimlija,
Imżejna bil-ħxejjex
Għall-għors imħejjija.

3

Hemm erba' qaddejja
Bil-wieqfa fil-bieb,
Biex jilqgħu l-ħaddara
Il-qraba wil-ħbieb :

Il-Ħakem imżejjen
Bi lbiesu s-sabiħ,
Kien hieni bil-qiegħda
Imdawwar b'kull ġieh.

4

Katrina, l-għarusa,
Bħal warda maltija,
Ma' ġenbu minsuba
Ferħana-w mistħija;

U ħdejha mdannitha ;
U r-raheb Bernard
Il-barka xteqilhom
Mis-sema sa l-art.

---

2. Miżgħud - mimli; minn *żegħed* li jfisser *kotor fil-għadd* bħal meta ngħidu : Il-pajjiż żegħed bil-barranin, jew il-gżira żegħded bil-ħaxixa ngliża.

Iddaħħal rasek—għajdut biex infissru: issib daqsxejn tal-wisa fejn tidħol u fejn toqgħod. Ngħidu hekk, għaliex aktarx min irid jiddeffes fir-rassa, bħal ma jagħmlu t-tfal, ibaxxi rasu u jitfagħha quddiem.

Maħnuqa—minn *ħanaq* tross il-griżmej li wieħed ma jistax jieħu nifs aktar. *Maħnuq bin-nies* ifisser mimli u marsus bin-nies li wieħed ma jistax jaqsam jew jidħol.

Bil-ħxejjex—bil-qsari u bil-ħaxix taż-żina,bħal liedna,spika etc.

3. Qaddejja—nies imħallsa biex jagħmlu xi xogħol tad-dar jew għad-dar, bħallikieku xiri, twassil ta' ħbarijiet etc. Sefturi.

Ħaddara—Il-mistidnin li jmorru ma' l-għarajjes biex jifirħulhom u jagħtuhom ġieh.

Qraba—nies li kienu jiġu minnhom: nies ta' demm wieħed, jew ta' ġebbieda waħda.

4. Minsuba—bil-qiegħda u għal-qalbha.

Ferħana-w mistħija—Ferħana, għaliex iż-żwieġ kien kif xtaqitu hi; mistħija, għaliex xebba rżina.

Mdannitha—Mdanna għall-għarus tfisser *omm l-għarusa*; għall-għarusa tfiisser *omm il-għarus.*

Raheb—tista' tfisser *min jgħix ħajja mwarrba* għalih waħdu ma' Alla : tista' tfisser *patri* jew *qassis* u xi drabi saħansitra *is-servjenti tal-Knisja.*

5

In-nies ta' ma' dwarhom
Għall-ġilwa mħejjija
Bis-sdieri wix-xwabel
Imgħammra-w miksija

Weqfin, s'er jitilqu;
Iberrħu l-bibien . . .
Ferħ ġewwa, ferħ barra,
Tifriġ kullimkien.

6

Fil-waqt ifeġġ Fieres
Iqammes mal-ħâra
Liż-żiemel, biex jofroq
Bħal trieq għall-ħaddara.

Min tala' fuq għatba,
Min sal fuq riġlejh,
Biex jara l-għarajjes
Għaddejja minn ħdejh.

---

Hawnhekk tfisser il-qassis li kellu jtejjiegħom. Il-Maltin lill-Kavalieri ta' Malta kienu jsejħulhom "Rħieb ta' San Ġwann"

5. Ġilwa—tfisser il-miġimgħa tal-ħaddara li fiż-żmien l-imgħoddi u fir-rħula il-lum ukoll, iwasslu lill-għarajjes mid-dar sal-knisja, u, wara ż-żwieġ, mill-knisja sad-dar tal-għarusa, biex jagħtuhom ġieh u jifirħu magħhom.

Bis-sdieri—minn *sider*; tfisser dak il-lbies jew dik il-biċċa mill-armatura li tgħatti s-sider.

Is-sdieri tal-bellus bil-buttuni tad-deheb ikkuskjati kienu dak iż-żmien il-lbies ta' min irid jidher, u kien jagħti l-akbar biċċa xogħol lill-ħajjata. Xi wħud minnhom li għadhom jidhru sal-lum fil-Mużew u f'xi djar, juru sengħa kbira.

Iberrħu—jiftħu beraħ.

Tifriġ—Minn faraġ—qawwa ta' qalb: ta' tama u ta' sliema.

6. Fieres—kavalier li fi żmien il-Ħakem fil-festi l-kbar kien iġib il-bandiera u l-arma ta' Malta.

Iqammes iż-żiemel (jew iqammas)—iqabbeż iż-żiemel, billi issa jżommu fuq il-lġiem, biex iż-żiemel jogħla fuq saqajh ta' wara, u issa jitlaqlu, biex jinżel fuq saqajh l-erbgħa, u hekk iżommu dejjem jitħarrek.

Ħâra—naħa, biċċa trieq jew wesgħa ma' ġenb id-dar.

Jofroq bħal trieq—jiftaħ f nofs in-nies daqsxejn ta' mogħdija.

Għatba—il-ġebla fil-fetħa tal-bieb li nirfsu fuqha fid-dħul u fil-ħruġ. Dik ta' bi drittha, fuq rasna, tissejjaħ *blata* bil-plural *blajjat.*

Sâl—għola fuq riġlejh u fuq ponot subgħajh, biex jista' jara minn fuq ras ħaddieħor.

Il-klieb isulu ma' siedhom bil-ferħ.

7

Il-qniepen idoqqu,
Igħannu x-xebbiet,
Bit-tabar u ż-żmamar
Bdew jidwu s-smewwiet.

Katrina wil-Ħakem,
Taħt star tas-satin,
Mal-ħbieb u l-ħaddara
Għall-knisja ħirġin.

8

Mill-bjut u mit-twieqi
Xeħtulhom dafriet;
Mill-ġwielaq quddiemhom
Ward xerrdu x-xbejbiet;

Mittbarka xtequlhom,
Mitt hena-w mitt ġid;
Tifħir fuq l-għarajjes
Kull fomm kien igħid.

— — —

7. Igħannu x-xbejbiet. Fil-waqt illi l-ġilwa kienet tkun sejra lejn il-knisja, xi xbejbiet, u xi drabi xi żagħżagħ ukoll, kienu jgħannu fuq xi strumenti għana f'ġieħ l-għarajjes.

(Fuq dan ara "Busuttil, V. Holidays and Customs in Malta pag. 124; u Malta and Gibraltar, Macmillan, p. 246. minn Alb. V. Laferla).

Tabar—tambur. Bit-tabar kienu dari jsejħu n-nies biex jaħbtu għall-għadu.

"Ma jibżax minn daqq it-tabar" kienu jgħiduh għal xi ħadd qalbieni li l-ġlied mal-egħdewwa kien jieklu bil ħobż.

Żmamar—Strumenti tal-qasab b'daqsxejn ta' qrajna fit-tarf biex twassal il-leħen. Kienu jdoqquhom aktarx ir-ragħajja waqt li jirgħaw il-merħla, imma kienu jindaqqu wkoll sikwit bħala sinjal ta' ferħ fil-Milied, fil-Karnival u fit-tiġien.

Jidwu—itennu l-leħen; itennu d-daqq.

Stâr—Kienet il-mustaxija tal-għarusa. Huwnhekk ifisser il baldakkin li taħtu dak iż-żmien kienu jimxu l-għarajjes middar għall-knisja u lura.

8. Dafriet—ħwejjeġ irqaq, bħal xgħar, ward, jew ħaxix maħdumin trizza jew marbutin flimkien bil-ħajt, b'xi gost.

Hawnhekk din il-kelma tfisser : kuruni tal-ward, jew bukketti.

Mill-ġwielaq—mill-kannestrijiet. Il-ġwielaq jinħadmu bilġummar u bis-simar.

Mitt-hena—Hena aktarx tar-ruħ: ġid aktarx materjali.

Tifħir—kliem ta' ġieħ u ta' xewqat tajba.

9

Xħin waslu fil-misraħ
Laqgħuhom għożżieb
Bix-xama' f'idejhom
Fid-daħla tal-bieb:

Daħħluhom fil-knisja
Li kienet bħal ġenna
Mixgħula w-imżejna,
Bi ġmielha tithenna . . .

10

Hemm għamlu xi talba,
U r-raħeb mar ħdejhom,
Berkilhom il-ħatem,
Għaqqdilhom idejhom;

Lill-wieħed u 'll-oħra
Staqsihom fil-ħin,
Kif titlob il-Knisja,
Jogħġbux lil xulxin.

---

9. Misraħ--il-wesgħa ta' quddiem il-knisja. Il-lum igħidulha "pjazza".

Għożżieb--żgħażagħ taż-żwieġ, iżda li għad ma humiex miżżewġa. Kienet drawwa sabiħa dik tal-għożżieb li jilqgħu lill-għarajjes bix-xama' f 'idejhom u hekk jidħlu magħhom fil-knisja.

Bi ġmielha tithenna. Suggett *inti*--bi ġmielha thennik.

10. Hatem—cirkett; l-iżjed dak li l-għarus jagħti lill-għarusa fiż-żwieġ, bħal għelma ta' rabta għal dejjem.

Biċċa ewlenija taċ-ċerimonja taż-żwieġ hu it-tberik tal-ħatem.

Għaqqdilhom idejhom--ġegħelhom jieħdu id-f'id.

Kull ma fiha din l-istrofa u l-oħra ta' wrajha hu meħud bir-reqqa mir-ritwal tal-knisja; u d-deskrizzjoni li l-poeta jagħtina ta' din iċ-ċerimonja, sabiħa daqs kemm hi kbira, tiswa id-deheb.

Lill-wieħed u 'll-oħra staqsihom etc.--Il-qassis li jtejjeġ għandu l-ewwel jistaqsi lill-għarus jekk iridx jieħu b'martu lill-għarusa u jsemmiha b'isimha; imbagħad jistaqsi lill-għarusa jekk tridx tieħu b'raġel tagħha lill-għarus u jsemmih ukoll b'ismu.

Il-kuntratt taż-żwieġ hu s-sagrament, u s-sinjal barrani tal-kuntratt hu sewwa sew il-kelma, li l-għarajjes jagħtu lil xulxin, li huma kuntenti wieħed bl-ieħor, quddiem il-qassis li ma hux ħlief xhud ta' dak il-kuntratt.

11

Kif saret il-ħalfa
U ħadu id b'id,
Ir-raheb berikom
U hekk mar igħid:

"Qalb waħda t-tnejn sirtu,
Hawn minni mtejġin;
Inħabbu, biex tgħammru
U tgħixu henjin . . ."

*
* *

1

Għaxar xwieni tal-egħdewwa
Dehru jsallbu daw' n-naħiet:
Resqu l-Pwales, nies, hemm niżżlu,
Kollox ħemda, kollox skiet:

---

11. Il-ħalfa – il-kelma li jagħtu l-għarajjes quddiem il-qassis, f'riġlejn l-artal t'Alla.

Inħabbu—Il-muftieħ tal-hena fiż-żwieġ hi l-imħabba.

Biex tgħammru u tgħixu—Hemm divrenzja sabiħa bejn dawn iż-żewġ kelmiet. *Tgħammru* tfisser toqogħdu f'dar waħda u tinġiebu bejnietkom bil-qima u bl-imħabba; *tgħixu* tfisser tgħaddu ħajjitkom f'limkien. iżda kull wieħed għalih, mhux bħal tnejn li saru ħaġa waħda: fl-ewwel kelma tgħodd iżjed il-kalb u l-ħsieb, fit-tieni tgħodd iżjed is-saħħa u l-ġisem.

1. Xwieni—plural ta' xini—bastimenti, aktarx tal-gwerra jew tas-sibi, bil-qlugħ u bl-imqadef.

Ta' l-egħdewwa – L-egħdewwa ta' Malta, dak iż-żmien, kienu is-sibbien torok li kont tarahom ibaħħru l'hawn u l'hinn fil-Baħar Mediterran, u, jew għal-għarrieda, u bil-moħbi, jew xi drabi bid-dieher, jinżlu f'xi qala mwarrba u jisirqu l-uċuħ misjura tar-raba', il-bhejjem li jsibu u jkarkru magħhom xi rsiera.

Isallbu—jimxu salib mal-linja dritta: jibbordiaw l'hawn u l'hinn qabel ma jidħlu f'xi qala jew port.

Il-Pwales. In-naħa l-iżjed ġewwinija tal-port ta' San Pawl il-Baħar: xtajta baxxa fejn ma hemm l-ebda twegħir biex tinżel l-art.

Hemda—sikta; aktarx dik li tiġi qabel xi taqliba tal-ajru.

2

Iżda l-għases minn tad-dejma,
Li lemħuhom resqin l-haw',
Biex igħarrfu 'l tal-Imdina
F'daqqa waħda l-aħbar taw.

3

Daħna kbira fil-waqt saret;
Fis il-qniepen sħiħ daqqew:
Ħin bla waqt ir-rħula qamu
Għall-Imdina mħarrba ġrew.

4

Il-ħaddara xejn ma basru,
Meta semgħu dak l-għajjat;
Ħasbu li huma nies ferħana
Q'ed jitħallqu mat-trieqat.

---

2. Għases tad-Dejma. Id-Dejma kienet korp ta' suldati magħżulin minn l-ibliet u mir-rħula biex jagħmlu l-għassa mit-torrijiet mibnija l'hawn u l'hinn fuq ix-xtut tal-gżira, l-iżjed dawk in-naħiet fejn l-egħdewwa kiena jinżlu ħafif.

Dawk it-torrijiet għadhom tista' tgħid kollha, fuq riġlejhom.

Lemħuhom—kelma f'postha: lemaħ ifisser *ra mill-bogħod*, bħal ma kellhom jagħmlu l-għases tad-Dejma.

Riesqa l-haw—riesqin lejn il-gżira, jiġbdu lejn ix-xatt.

Biex igħarrfu 'l ta' l-Imdina—biex iġiegħlu lil tal-Imdina, jiġifieri lill-Ħakem u lin-nies tiegħu, ikunu jafu li nqala l-għawġ.

3. Daħna kbira. Dak kien il-ftehim, li meta minn xi torri il-għases jilmħu xi ġfien jew xwieni tat-Torok, jagħmlu daħna kbira billi jaħarqu xi ħatab u ħwejjeġ oħra, biex tidher mit-torrijiet l-oħra u mill-knejjes, u hecc bid-daqq tal-qniepen bil-kbir, l-aħbar tiġri mal-gżira kollha.

Ħin-bla-waqt—għajdut biex infissru bla telf ta' żmien: minnufih.

Qamu—ħallew ix-xogħol li kellhom f'idejhom, ħejjew ruħhom u telqu.

Mħarrba. Aktar qawwi minn *bil-għaġla*: bil-ġiri, bħal meta wieħed jaħrab.

4. Xejn ma basru—ma fehmux x'kien ġara.

Jitħalqu—jitħadtu b'leħen għoli, bħal ma jiġri dejjem f'xi laqgħat ta' ferħ.

5

Imma dawk kif daħlu ġewwa
Nisa u rġiel bit-tfal f'idejhom,
Għarrfu 'l-Ħakem illi l-Għadu
Ma jdumx wisq ma jasal ħdejhom.

6

Malli l-Ħakem sama' dana,
Lil Katrina qal bil-ħlewwa :
"Alla jagħti s-sabar lilek :
Jien sa mmur nirbaħ l-egħdewwa."

7

"Jalla, jalla, rġiel qalbiena,
Tqassmu l-koll, sabiex nirħulha;
Jalla, rġiel, għaliex it-Torok
S'er iħarbtu d-djar fir-rħula"

---

5. Kif daħlu—malli daħlu, jiġifieri dawk li kienu ġew mir-rħula wara d-daħna u d-daqq tal-qniepen.

Ġewwa—fil-qalba ta' l-Imdina, quddiem il-palazz tal-Ħakem.

L-Għadu—is-sibbien torok, jew il-ħallelin tal-baħar li kienu niżlu n-naħa tal-Pwales.

6. Lil Katrina qal bil-ħlewwa. Ħaġa minn awl-id-dinja li l-ewwel ħsieb tal-Ħakem, wara dik l-aħbar, kellu jiġri għal Katrin; u billi l-ġrajja kienet ta' tiġrib u ta' biża' kienet ukoll ħaġa xierqa u meħtieġa li l-Ħakem ikellimha bil-ħlewwa. Kull nuqqas, għalkemm żgħir, f'dak il-ħin kien itellif ħa l-ħena ta' dak il-jum għal dejjem. Il-poeta ħaseb dan u kiteb tajjeb.

Alla jagħti s-sabar lilek—Ħsieb sabiħ u f 'ħinu, għaliex Alla biss jista' jsabbar f 'ħabtiet bħal din.

Nirbaħ. Kieku qal "niġġieled ma' l-egħdewwa" kien jitfa' fil-qalb ta' Katrina il-ħsieb u l-biża' li jista' jitlef: il-kelma *nirbaħ* tneħħi għalkollox dak il-ħsieb u dan il-biża', u tnissel tama qawwija li ġġegħelek tħoss bil-quddiem il-ferħ tar-rebħa.

7. Tqassmu. Imperativ: kelma ta' amar: jiġifieri tqassmu kif titlob is-sengħa tal-gwerra; ingħaqdu f 'kumpannijiet, kull waħda taħt l-uffiċjal tagħha.

Nerħulha—nitilqu, immorru.

Iħarbtu—jagħmlu ħsara kbira lir-rħula billi jisirqu mid-djar u jgħarrqu l-uċuħ tar-raba'.

8

Tar il-hena f'daqqa waħda,
Il-ferħ tbiddel dlonk fi mrar:
Ma tismax ħlief nisa tnewwaħ
Sew fit-toroq, kemm fid-djar:

9

Dika tbus lir-raġel tagħha,
L-oħra tgħannaq lill-għarus:
Ħabel wieħed, qatta waħda,
Min igħannaq, min ibus.

10

Kulħadd ħejja ruħu sewwa
Għat-taqbida mal-kefrin,
Illi ħarbtu kulma sabu
F'kemm irħula bdew deħlin.

11

Tliet mitt ruħ mal-Ħakem telqu,
Nofs bir-riġel, nofs bir-rkib;
Kulħadd ħalef li fl-Imdina
Rjus l-egħdewwa għandu jġib.

---

8. Tar il-hena—is-sliema għebet minnnfih.

*Hena* ifisser il-paci, is-sebħ, il-ġmiel li wieħed iħoss ġewwa qalbu meta kollox ikun jaqbel mal-fehmiet u max-xewqat tiegħu; *ferħ* ifisser it-*turija* jew il-wiri li wieħed jagħmel tal-hena li jħoss f 'qalbu.

Mrar—minn morr—il-maqlub ta' ħlewwa: niket; taqtiq ta' qalb.

Tnewwaħ—titbekka; tfisser bid-dmugħ u bil-kliem il-għomma ta' qalbek; aktarx ngħiduha għan-nisa u għat-tfal.

9. Taqbida—ġlieda

Ħabel wieħed qatta waħda ngħiduh biex infissru li kollox isir f'daqqa.

10. Kefrin—ħorox; nies li għandhom qalbhom iebsa u ħażina, u ma jħossux ħniena. Hawn tfisser is-sibbien torok.

Ħarbtu—għarrqu: serqu, jew kissru.

11. Bir-riġel—bil-mixi.

Bir-rkib—fuq iż-żwiemel.

12

Ħin bla waqt bħal sħaba sewda
Lemħu l'isfel bgħid minn ħdejhom;
Ġrew għal fuqha daqs egħfiered,
U l-kefrin ġew taħt idejhom.

13

Bdiet taqbida li ma bħalha
Minn Ħal-Lija sa Ħat-Tard;
Aħbat, idrob, infed, oqtol...
Wied tad-dmija ġera fl-art.

14

Mietu bosta mill-egħdewwa,
Il-Maltin ukoll batew;
Dawna rebħu, dawka ħarbu
Lejn ix-xtut mn'ejn kienu ġew.

---

12. Egħfiered—erwieħ ħżiena; għula; xjaten. Hawnhekk din ix-xbieha trid tfisser li l-Maltin niżlu ħfief daqs berqa u mħeġġin biex jagħmlu taqtigħa mill-egħdewwa.

Ġew taħt idejhom—Ifhem: ma setgħux jaħarbu u jgħadduha lixxa, imma kellhom jiġġieldu.

13. Taqbida—ġlieda; ħbit, taqtigħa.

Minn Ħal-Lija sa Ħ'Attard—Is-sibbien torok u dawk ta' Barbarija dejjem kienu jfittxu li jinżlu fejn ma hemmx twegħir jew in-naħa ta' Marsaxlokk u Birżebbuġa u jitilgħu lejn iż-Żejtun, Ħal-Far (il-lum ma baqax ħlief ismu) u ż-Żurrieq; inkella lejn San Pawl il-Baħar, u jitilgħu lejn il-Mosta, Ħal-Lija u Ħ'Attard.

Fuq din il-ħaġa tajjeb li wieħed jara x'jgħid Ant. Em. Caruana fil-ktieb tiegħu "Ines Farruġ" Cap. I paġ. 3 u ta' wrajha.

Aħbat, idrob, infed, oqtol—Dan il-vers u l-ieħor ta' wrajh huma versi mill-isbaħ: it-tkabbir tagħhom qisu taraġ; il-kliem ifisser waħda iżjed minn l-oħra, u mqiegħed kollu mal-mixja tal-ġrajja: l-ewwel il-*ħbit* imbagħad *id-drib*, (minn barra); wara *l-infid*, jiġifieri id-drib fil-ġewwieni tal-gisem, li hu minnu-nnifsu qalil u aħrax; fl-aħħar *il-qtil* jew *il-mewt*.

Wied ta' dinja. Għajdut imkabbar u mgħaġġeb, biex ifisser li kien hemm bosta tixrid ta' demm.

14. Dawna rebħu...—Il-Maltin, fil-versi ta' qabel imsemmija *l-aħħar*.

Dawk—It-Torok imsemmija *l-ewwel*.

Lejn ix-xtut etc. lejn il-Pwales fejn kienu niżlu u fejn kienu ħallew jistennewhom lix-xwieni tagħhom.

15

It-taqbida kienet ħarxa,
Damet sewwa nofs ta' nhar:
Rjus it-Torok, bħala rebħa,
Quddiem bagħtu għall-aħbar...

*
* *

1

Bi rjushom imgħaddsa,
L-Imdina deħlin...
Kemm ħarġu qalbiena!
Għala issa mnikktin?

2

Għaliex din il-ħemda?
Dil-ħasra x'inhija?
Xi tkun dik is-sura
Li ġiebu mgħottija?

---

15. Rjus it-Torok—Kienet drawwa, ħarxa, ta' dawk iż-żmenijiet li r-rebbieħa jaqtgħu r-rjus tal-egħdewwa mejtin u jġorruhom magħhom bħala xhieda tar-rebħa.

Bħala rebħa—If hem: bħala wiri, jew bħala sinjal ta' rebħ; bħala xhieda li kienu għalbu lill-egħdewwa.

Quddiem bgħatu—bgħatu bil-ġiri lil xi wħud tajbin minn riġlejhom biex iwasslu l-aħbar lil dawk li kienu baqgħu ġol-Belt, qabel ma jaslu huma.

*
* *

1. Bi rjushom imgħaddsa—bi rjushom imdendlin u b'għajnejhom lejn l-art bħal min hu ħosbien u mnikket.

L-Imdina deħlin—Il-Maltin li filgħodu kienu ħarġu mal-Hakem biex jitqabdu mat-Torok.

Qalbiena—b'qalbhom mimlija; fuq ruħhom.

Hasra—wiri ta' ħniena; mogħdrija f'xi deni jew ħsara li li tiġi fuq xi ħadd, jew fuq xi pajjiż.

Sura—ħaġa fil-għamla tagħha, jew ix-xebh,id-dehra ta' ħaġa. Hawn tfisser: dik il-ħaġa mgħotija, li għalhekk ħadd ma sata jara x'kienet u liema għamla kellha.

3

Il-Ħakem x'sar minnu,
L-għarus ta' Katrina
Li rajtu filgħodu
Imdawwar biż-żina?...

4

Sew malli l-egħdewwa,
Qarrieqa w kefrin,
Raw ruħhom mirbuħa
Minn ħutna l-Maltin,

5

Fil-ħabla, tnejn minnhom
B'sejf f'ġenbu nifduh;
Fl-art waqa': n-nies tiegħu
Hemm mejjet refgħuh.

6

Min jista' jgħid x'ħasset
Kif semgħet l-aħbar
Katrina? Bħal berqa
Dlonk ħarġet mid-dar.

---

3. Il-Ħakem x'sar minnu? Mistoksija f'waqtha. Wara rebħa, il-għajnejn ta' kulħadd ifittxu lill-kaptan, għaliex fih jinġabar il-ġieħ ta' kull wieħed li jkun ħa sehem fit-taqbida u għen għar-rebħa. Ħaġa minn-awl-id-dinja mela, li meta l-Maltin daħlu rebbieħa fl-Imdina u l-Ħakem ma deherx, u qalb il-miġimgħa, deħret dik is-sura mgħottija kellha tinsama' din il-mistoqsija "Il-Ħakem x'sar minnu?"

Għal din il-mistoqsija jwieġeb il-poeta fit-tliet strofi li ġejjin·

Żîna—dak kollu li jsebbaħ, li jorqom: dak kollu li jitqiegħed fuq persuna jew fuq ħaġa biex tingħoġob iżjed. Imdawwar biż-żîna—imdawwar biż-żîna ta' ħwejġu, tad-dar u tal-belt.

4. Qarrieqa—ħajnin, li jiġġieldu bla jedd, u għalhekk ma jiġġieldux kif titlob is-sengħa tal-gwerra, iżda bil-moħbi u bil-qerq bħala sibbien u ħallelin li kienu.

Kefrin—Ħorox, li jagħmlu l-ħsara u d-deni u jitgħaxxqu bihom.

5. Fil-ħabla—fil-fixla, fit-taħwid li xi ftit jibqa wara t-taqtigħa.

Hemm—fil-post fejn laqtugħ: jiġifieri li l-Ħakem waqa' id-daqqa u l-mewta.

Refgħuh—mill-art fejn kien waqa' mejjet.

Min jaf igħid... sa Katrina. Jekk kulħadd kien miblugħ u mnikket għall-mewt ħabta u sabta tal-Ħakem, ħadd iżda ma kellu u ma sata' jagħli u jitbekka daqs Katrina li filgħodu, f'riġlejn l-artal kienet ħalfet lill-Ħakem, u ħadet minn għandu, il-kelma tas-sedqa u ta' l-imħabba bla nuqqas u bla tmiem: għal-hekk xierqa hawnhekk il-mistoqsija tal-poeta: Min jaf igħid x'ħasset?... etc.

Din l-istrofa u l-erbgħa li ġejjin fihom poeżija qawwija u sabiħa tal-għaġeb għaliex kollox miġbud mill-qalb u mix-xejriet tal-bniedem.

7

Il-ħbieb marru wrajha,
Sabiex iżommuha,
Il-koll daru magħha
U riedu jsabbruha.

8

Bħal ġenn haw' jaqbadha,
Ma trid tisma' l'ħadd:
Bdiet twarrab b'idejha,
Bikkiet lil kullħadd.

9

X'ħin tilmħu, tintilef
U taqa' hemm fl-art
Fejn kienu filgħodu
Xerrdulhom il-ward...

---

Dak li għamlet Katrina, dak li għamlu l-ħbieb biex iżommuha, dak li mbagħad ġara, kollox minn-awl-id-dinja; u kollox imqiegħed fi kliem meqjus, u magħżul kif jixraq lil dik il-ġrajja ta' niket li ma bħalu; u mhux biss li ma hemm l-ebda kelma żejda, iżda kull kelma għandha tifsir ta' ġmiel u ta' qawwa mwieżna, illi jġegħluk temmen li hekk kien tassew.

7. Isabbruha—ifarrġuha; jagħmlulha l-qalb; idawwrulha ħsebijietha fuq ħwejjeġ oħra.

8. Bħal ġenn haw' jaqbadha—Il-għali meta hu kbir u jiġi fuqna għal għarrieda jeħdilna l-għaqal u d-dehen u joħroġna minn sessina, u dak li ngħidu u li nagħmlu dak il-ħin jixbaħ wisq lill-kliem u lill-għamil ta' min hu miġnun: l-iżjed imbagħad jekk niltaqgħu ma' xi tfixkil li jżommna lura minn dak li aħna nkunu rridu nagħmlu biex naqtgħu xewqitna.

Ma trid tisma' l'ħadd. In-niket u l-għali għandhom it-tarf sa fejn jimxu mar-raġuni: il-barra minn dak it-tarf il-għaqal jintilef, il-qalb tingħafas u saħansitra l-kliem tal-faraġ idejjaq.

Bdiet twarrab b'idejha—bdiet tħaddem idejha biex tofroq jew tiftaħ mogħdija qalb ir-rassa ta' ħbiebha billi twarrabhom minn quddiemha.

Bikkiet lil kulħadd—Il-ħasra ta' Katrina fit-telfa tan-niket tagħha qabbżet id-dmugħ f'għajnejn dawk kollha li kienu ma' dwarha.

Sakemm il-bniedem imnikket tista' tfarrġu, it-tama żżommok daqsxejn imwieżen u l-qalb ma tmutx; iżda meta tibda t-telfa tar-raġuni u l-kelma tal-faraġ ma tiswiex iżjed, il-qalb tingħafas u d-dmugħ jaqbeż.

9. Xħin tilmħu tintilef—Sa hawnhekk, jew b'xi ħajta tama illi l-ġrajja setgħu ma jkunux koroh daqs kemm kienet ħasbithom hi, jew għaliex kienet għadha ma ratx b'għajnejha il-kruha tal-ġrajja li hi kienet basret, Katrina setgħet b'xi mod

10
Minn xebba-w Għarusa
F'ħin wieħed di'l-mara
Ittejjeġ u tormol...
Min jista' jsabbarha ?

---

iżżomm fuq riġlejha; iżda malli quddiem għajnejha ġiet is-sura, mejta, ta' dak li filgħodu kien sar żewġha u li issa kienet tistennieh jasal imżejjen bil-ġieh tar-rebħa, il-ftit tal-ħila li kien baqgħelha dabet, u hi waqgħet għaxja.

Fejn kienu filgħodu xerrdulhom il-ward--f'nofs it-treiq minn fejn filgħodu il-Ħakem u Katrina kienu għaddew biex imorru l-knisja għat-tieġ, u fejn in-nies kienu xerrdulhom il-ward taħt riġlejhom, bħala turija ta' mħabba, ta' ġieh u ta' xewqat tajba.

F'waqta ħafna din it-tifkira, li jagħmel l-poeta, tal-ward ta' filgħodu, għaliex hekk il-bidla tas-sabiħ fl-ikregħ, tal-ħena fin-niket, tal-ferħ bil-biki tinħass fil-ħruxija tagħha kollha.

10. Minn xebba w għarusa etc.--Xebba tissejjaħ tifla li waslet għaż-żwieġ, imma li għad ma żżewġitx; għarusa, tfisser xebba li wegħdet iż-żwieġ lil xi żagħżugħ jew raġel: *mara*, kelma li tfisser u tiġbor fiha kollox, xebba, għarusa, miżżewġa, armla.

Filgħodu Katrina kienet *xebba* u *għarusa*; saret il-*mara* tal-Ħakem biż-żwieġ; romlot bil-mewt tal-Ħakem.

Minn xebba u għarusa etc--Xebba, għarusa, miżżewġa, armla huma, meta jaħbtu, erba' qagħdiet fil-ħajja ta' mara li soltu jinfirxu fuq qatgħa kbira ta' għomorha. Għalhekk kienet ħasra tas-sew kbira dik ta' Katrina li fil-qosor ta' jum wieħed kellha tgħaddi minnhom kollha; u l-poeta wera sengħa mrawwma meta fil-qosor ta' tliet versi fisser dak kollu li minnu kienet għaddiet Katrin fil-ħarba ta' ftit sigħat. Hekk il-poeżija tagħlaq tajjeb ħafna bil-mistoqsija "Min jista' jsabbarha ?" li għaliha kulħadd jifhem li għandu jwieġeb: "Ħadd, u xejn."

---

## TAGĦRIFA

Fil-bidu ta' dan ix-xahar kellna l-pjacir li nilqgħu hawn Malta lir-Rev. C. L. Dessoulavy Ph D., membru onorarju u korrispondent tal-Għaqda tagħna. Fil-ftit jiem li dam fostna leħaq għamel tliet Konferenzi sbieħ u ltaqa' mal-Kumitat u ma l-Imseħbin tal-Għaqda kemm-il-darba. Darb'oħra nġibu iżjed fit tul fuq iż-żjara tiegħu.

# MIKIEL ANTON VASSALLI

*Jorbot ma' l-Għadd ta' Diċembru paġ.* 113

Dwar is-26 ta' April 1817 Ċensu Barbara daħal Malta, u minn liema pajjiż ma nafux. Id-Deputat Spettur Ġenerali tal-Pulizija, is-Sur B. Muller Friedberg, għarraf lill-Logutenent Gvernatur bil-miġja tiegħu u dan minnufih ta l-ordni biex iġagħluh jarġa' jitlaq ma' l-ewwel bastiment li jista' jieħdu lejn il-pajjiż li fih jixtieq imur. Fit-2 ta' Mejju l-istess Deputat Spettur Ġenerali tal-Pulizija kiteb lis-sur Corner, Intendent tal-Pulizija tax-xatt, illi Barbara kellu jitlaq l-għada għar-rotta ta' Tripli fuq il-*Cutter* "Happy" taħt il-kmand tal-Kaptan Mitrovich. Wara tmien xhur, Barbara raġa' lejn Malta minn Tripli fuq il-Paranza b'bandiera Ingliża "S.S. Crocifisso", u daħal fil-Port ta' Marsamxett quddiem Lazzarett. Il-Pulizija, b'ordni tas-Segretarju tal-Gvern, għarrfet lis-Suprintendent tal-Kwarantina, Robert Grieves, biex ma jħallihx jinżel l-art qabel iġib tnejn min-nies sewwa li jagħmlu tajjeb għall-imġiba tiegħu. Dwar l-ewwel granet ta' Frar, 1818, Ċensu Barbara ġieb tlieta min-nies li għamlulu pleġġ u, għalhekk, il-Logutenent Gvernatur tah li wara li jispiċċa l-kwarantina jkun jista' jinżel l-art.

Bil-miktub xejn ma sibna iżjed fuq Barbara. Jingħad li hu baqa' Malta sakemm miet u li ndifen fil-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara, iżda d-difna tiegħu f'din il-Knisja ma tidhirx minnha. (1)

Wara sentejn mill-miġja ta' Barbara, raġa' wkoll lejn Malta sieħbu Mikiel Anton Vassalli, iżda ma nafux jekk Barbara kienx għadu ħaj u ltaqax miegħu.

* * *

L-ewwel xaqq dawl fuq il-miġja lura lejn Malta ta' Vassalli nsibuha f'aħbar fil-Gazzetta tal-Gvern bid-data ta' l-1 ta' Novembru, tas-sena 1820, faċċata 2421, fejn jingħad illi "Mikiel Anton Vassalli, li għal 20 sena għammar fl-art ta' Franza, jagħti lezzjonijiet tal-Franċiż lil dawk li jixtiequ jitgħallmu

(1) G. Muscat Azzopardi fir-rumanz tiegħu "Censu Barbara" iġib li Barbara daħal fil-port ta' Marsamxett *f'Jannar tas-sena 1816*, iżda din id-data ma tidhirx imwettqa mid-dokument li sibna. Tarġa' f'dan ir-rumanz m'hemm xejn imsemmi fuq il-kwarantina li għamel, u stħajlu li kien ġej dritt minn Franza. Mill-bqija dawn il-ftietaq m'għandek qatt issibhom bir-reqqa kollha f'xogħol ta' rumanz ċkejken ta' din ix-xorta.

dan il-lsien skond il-grammatka." L-indirizz tiegħu, fejn iktarx kellu jagħti dawn il-lezzjonijiet, huwa fin-Nru. 347, Strada S. Paolo, il-Belt. Aħna ma nafux jekk minn dak iż-żmien in-numri ta' dawk id-djar tbiddlux, iżda, jekk ma tbiddlux, in-numru 347 jaħbat wieħed mill-mezzanini li jagħmlu mill-palazz ta' tarf it-trieq ta' San Pawl qabel ma tikser għal fuq il-Barrakka ta' fuq.

Kif semmejna qabel, aħna ma nafux sewwa fiż-żmien li dam nieqes minn Malta fliema belt jew art ta' Franza kien Vassalli, iżda nafu illi għal ħabta tal-1814 kien qiegħed f'Marsilja.

Minn dak iż-żmien li Vassalli kien ilu nieqes, Malta, bħalma rajna, ġarrbet u rat bosta tibdil ta' ħwejjeġ li kellhom x'jaqsmu mad-destin ta' l-Ewropa.

Bosta minn dawk l-uċuħ għeżież ta' niesu jew ta' ħbiebu, jew ta' dawk li kienu jgħożżuh għal għerfu jew ħiltu, kienu għabu għal kollox, u quddiem għajnejh ma rax ħlief ir-rjus wieqfa ta' dawk li dari ħabirku għal l-Ordni. Dawn kienu dawk in-nies li għal xi żmien qalbu għal mal-Franċiżi u żammew magħhom u, wara li l-Franċiżi kisruha mal-Maltin u kellhom jerħu l-Gżira, dawn it-talin safgħu l-ewwel nies li kollha ħeġġa għall-ħakma Ingliża fuq Malta, ingħaqdu ħaġa waħda mal-kbarat ta' din il-Potenza ġdida f'Malta u kienu minn ta' l-ewwel li fittxew ifixklu l-pjan biex l-Ordni ma tarġax tirfes fuq l-art ta' Malta, nies li l-lum lil Vassalli, għalkemm iż-żminijiet tbiddlu, baqgħu jaħsbu fih ħażin jew jistmerruh għal xi għira jew ħaġ'oħra, u baqgħu jżommuh bħala dehra sewda tal-warrani wara li kien hu, Vassalli, li għal l-ewwel bi ħsieb għaqli, bi ħsara tiegħu n-nifsu, fittex li jeħlishom mill-għawġ u mill-ħsarat ta' Gvern li kien wasal biex joqtol lilu n-nifsu u miegħu jixħet fix-xejn il-poplu li kien għadu jrieġi bi tqanżiħ, iżda, għalkemm, b'dik l-istess ħruxija u kburija bħal meta saqajh kienu iżjed fis-sod u rasu sata' jwaqqafha mingħajr biża' ta' ħadd! Dawn in-nies, għalhekk, ma dehrux li laqgħu wisq bi ħlewwa lil Vassalli f'Malta, iżda, iktarx baqgħu jħarsu lejh bl-ikreh bħala Ġakbin, għadu ta' ħutu l-Maltin, jew għaliex, għalkemm il-lum fqajjar u magħkus, il-persuna tiegħu kienet daqsxejn ta' ċanfira għalihom u għal dawk il-ħsibijiet imgħawġa li bihom fittxew jaħsbu għal rashom, fil-waqt li xeħtu wara daharhom dak li minnhom f'xi waqtiet ta' ħtieġa u disinteress minnhom kien qiegħed jitlob il-pajjiż.

Vassalli, mita fl-1820, raġa' lejn Malta milli jidher, ma sab ebda xkiel bħalma kien sab sieħbu Ċensu Barbara,

Hu ma donnux ġie idu f'idu, u dlonk sab, għalhekk, min jagħmillu tajjeb għal wieħed tnejn. Iżda Vassalli, għalkemm ma sabx dan ix-xkiel, jiġifieri għalkemm il-Gvern Ingliż ma kellu ebda biża' minnu, xkiel li sata' jitwitta f'sagħtejn, sab xkiel ieħor u aktar aħrax, u dawn kienu l-mezzi ċkejkna biex igħix u jgħajjex lil uliedu. Mill-Franċizi ma jidher li wiret ebda ġid tal-għaġeb, u tat-taħbit li kien tħabat għalihom. ma rebaħ ebda mgħax kbir, u f'Malta tista' tgħid, wasal mingħajr sold f'butu.

It-tibdil li sab hawn Malta kienet ħaġa li ma tantx setgħet timlielu u tfarraġlu qalbu. Xi wiċċ imsaħħab, bħalma ħsibna, iħares lejh minn taħt kien iktarx għadu jiftakar fih bid-dirra u tehdid tal-imgħoddi, u bħal dell qadim jimxi għal urajh u jheddu sa xifer il-qabar.

Fi żmien il-għoxrin sena li kien ilu imsiefer, f'Malta kienu tbiddlu żewġ Kapijiet u tliet Kummissjonarji Ċivili tal-Gvern Provvisorju u Gvernatur. Huwa kien wasal fi żmien Maitland. Sa ma sar it-trattat tal-Paċi (1814), għalkemm kien qiegħed isir xi ftehim biex Malta tarġa' taqa' f'idejn l-Ordni taħt il-protezzjoni ta' l-Ingilterra, l-Awstrja, Spanja u Prussja, Pigot kien neħħa it-truppi Naplitani taħt il-kmand ta' Fardella u għaqqad riġment malti ta' 900 suldat. Il-partitarji tar-Re ta' Napli daħlu f'qoxrithom u qatgħu qalbhom bl-armistizju li Napli kellha tagħmel, imġiegħla minn Franza (Frar, 1801). Il-partit ta' l-Ordni kien ċkien u bil-ħeġġa tal-Kanonku Caruana u ta' Ċensu Borg (Braret) il-kotra xegħlet f'daqqa waħda favur il-Gvern Ingliż f'Malta.

B'għaġeb ta' kulħadd, il-pattijiet tat-Trattat ta' Amiens ma twettqu qatt; Napuljun, mill-banda l-oħra ma riedx joqgħod għall-artikoli ta' dak it-Trattat qabel ma l-Ingilterra tbattal minn Malta, fil-waqt li l-Ingilterra ntebħet li b'dak it-Trattat ma kienet sa tirbaħ xejn. Ball, l-Ambaxxatur Ingliż f'Malta, mibgħut flok Cameron (1803) bħala Kummissarju Ċivili, baqa' jtemtem u jwieġeb fil-ħeragħ għat-talba tal-Balliju Buzi li kien il-Ministru Plenipotenzjarju tal-Ordni u għal dik tal-Ministru Franċiż li riedu l-Ingliżi jbattlu minnufih minn Malta skond it-Trattat.

F'dan il-waqt, mar-riġment Malti bl-azzarini, bil-bajunetti bil-barżakka u ġakketta tan-newl, bil-kaskett tal-ġild u bit-terħa ħamra, żdiedu żewġ kumpanniji tal-Artillerija Maltija għal madwar il-batterji tal-kosta taħt l-isem ta' "San Pawl" u "Marsaxlokk". Wara dawn nibtu żewġ battaljuni tal-fanterija Maltija, oħra ta' l-artillerija u oħra tal-veterani flok ir-riġment

tal-Milizzja u tal-Kosta; il-fanterja liebsa l-aħmar u l-artillerija bil-kapott blû skur bix-xaqlibiet ħomor, u l-veterani bil-kapott griż bix-xaqlibiet ħomor. Ma' dawn żdied ukoll ir-"Royal Malta Regiment" (1805) li serva fil-Kalabbrja u f'Kapri, kontra Murat, favur ir-Re ta' Sqallija sieħeb ma' l-Ingliżi. Malta laqgħet f'dan iż-żmien lill-magħruf kittieb Ingliż Taylor Coleridge (1804) li għal xi ftit tax-xhur għamilha ta' Segretarju tal-Gvern; wara mbagħad lil Byron (1809) li ma' tul ix-xahar li qagħad hawn Malta għamel ħbieb mal-għaref Bibliotekarju Navarro. (1)

F'Mejju tal-1803 l-Ingilterra kienet id-dikjarat gwerra kontra Franza li damet mal-11-il-sena u l-ġrajjiet u t-taqlib li saru, kif diġa' semmejna, kellhom wisq x'jaqsmu ma' dak li fl-aħħar kellu jgħaddi minn Malta. Fi żmien Ball l-Imdina baqgħet taħt idejn il-Ħakem, u Għawdex taħt il-kmand tal-Gvernatur bħal qabel, iżda bejn li ndaħal iżżejjed fix-xogħol u s-setgħat tal-Qrati u tal-Università tal-Qmuħ u bejn li ma riedx li jarġa' jitwaqqaf il "Consiglio Popolare", mal-Maltin kien ixxellef u għoddu kisirha.

L-Ingilterra ħalset xi ħsara, il-bêni u ħwejjeġ li baqgħu għall-Gvern, u tqassmu l-flus fost il-battaljuni u fost nies li tilfu ħwejjiġhom u għall-Monti ta' Għawdex. Lill-Kapijiet tal-Battaljuni ġiethom il-medalja mnaqqxa bil-kitba "Libera Patria". Lil xi wħud il-Gvern ħallashom b'impieg, iżda dan kollu ġieb il-għawġ u t-tilwim, u fosthom lil Ċensu Borg li ħareġ il-flus u iffronta sidru, ma saddulux ħalqu bil-medalja biss.

Ball miet f'Sant'Anton fil-25 ta' Ottubru, 1809.

Mat-tixwix ta' xi Maltin li riedu tibdil fl-istat pulitku, u x-xogħol tal-Kummissjoni biex tifli fuq il-Gvern, il-liġijiet, u l-finanzi tal-Gżejjer, twettqet il-Paċi bit-Trattat ta' Pariġi bejn il-Potenzî tal-Ewropa (1814) u b'hekk Malta baqgħet għas-seħħ f'idejn l-Ingilterra.

Fl-1813 il-pesta kienet fi żmien għaxar xhur ħasdet il-ħajja ta' madwar 4,486 ruħ, u fosthom, għandna naħsbu, nies u ħbieb li żmien ilu għaxu madwar Vassalli.

*(Jissokta)* A. C.

---

(1) Ara. "Leħen il-Malti" Sett. 1931. Nru. 7. paġ. 12. Gioacchino Navarro, li fi żmien l-Ordni kien Kappillan Konventwali, kien l-ewwel Bibliotekarju fi żmien l-Ingliżi. It-tliet għanjiet maltin "min jitma fit-tama ecc. li hemm fil-*Malte pour un Voyageur Frnnçais* (1791)": p. 64 huma miktubin minnu.

# L-ABBATI TAL-PALAZZ TAS-SINJURA BETTINA

Kif wieħed jinżel mil-lanċa, ix-xatt ta' San Lawrenz, il-Birgu, jilmaħ Palazz ta' kobor ġmielu, kiegħed sew sew fil-faċċata, malli jitla' l-erba' tarġiet li jagħtu għal Strada Irlandese mal-minkeb li jagħti għal Strada S. Giorgio. Dan il-Palazz fil-medda tiegħu jibla' nofs it-trieq imsemmija, huwa hekk kbir, li biż-żejjed wieħed igħarraf li għal xi żmien, qabel ma twaqqaf l-Isptar tal-Kottonera, kien ġiè magħżul biex fih jiġu mfejqa s-suldati ingliżi, li xi sittin sena ilu kienu jgħammru fil-Kwartieri fin-naħiet ta' Bormla, l-Isla u l-Birgu. Dan il-Palazz għajr li kien għamara tas-Sinjura Bettina Cassia Dorell, kif juri ismu, li kienet Dama tar-Reġina ta' Sqallija, kien ukoll l-imkien fejn twieled fis-sena 1758, in-Nobbli Fabrizju Xiberras, Isqof ta' Sinegallia u Kardinal waħdieni Malti tal-Knisja Mqaddsa.

Fuq dana il-Palazz, hemm xniegħa, li għadha tiġri sa żmenijietna, li qabel is-Sinjura Bettina kienu jgħammru fih qrabat il-Baruni Giulju Gauci. Dan bħala werriet ta' ġidu ma kellux għajr tifel wieħed biss, li kien Abbati, u għalhekk it-tama li wara l-mewt tal-Baruni l-qraba tiegħu jirtuh, sfiet fix-xejn.

Iżda dawn il-qraba kienu juru qima bla tmiem lejn il-Baruni u sikwit kienu jitolbuh b'ħeġġa, li jibgħat il-Barunċin igħaddi xi jumejn jew xi ġimgħa magħhom. Uf, imsejken tfajjel tħallih f'dak id-dieq ta' qalb midfun ħaj l-Imdina, ħallih jiġi l-Birgu xi darba ; ukoll, sa kemm jiġi l-arja safja u bikrija tal-kampanja żżidlu mitt sena għomor.

Fl-aħħar il-missier, għall-istedin hekk ta' ħeġġa u ta' qalb, qagħad għax-xewqa ta' qrabatu, u bagħat il-werriet tiegħu il-Birgu. Ma jaħasra ! ma basar qatt x'kien hemm miżrugħ għall-maħbub Ibnu l-waħdieni.

Dak iż-żmien ma kienx hemm la Kalessi, u l-anqas toroq wietja, u wiesgħa ; għalhekk min irid jitlaq għal-bogħod kien jagħżel xi bagħal jew xi ħmar malti ġerrej, u riekeb fuq il-berda, erħilu jlebbet għan-naħa ta' fejn bi ħsiebu jmur. Hekk xejn inqas għamel l-Abbati. Wasal fil misraħ ta' tal-Birgu f'xi l-għaxra ta' filgħodu, rabat il-bhima mal-ħerża ta' wieħed mill-bjar li kienu mdawrin mal-wesgħa tal-Pjazza, jew, suq, kif dak iż-żmien kienu jsejħulu; ħall minn fuqil-berda, xi soror, b'ħafna ħwejjeġ li ġieb miegħu u erħielha għall-Palazz. Niżel Strada

Salita della Piazza, minn hemm għax-xellugija ta' Strada San Lorenzo, daħal il-Parroċċa, qal xi talba qasira u minn hemm erba' passi oħra sab ruħu qiegħed iċċempel il-qampiena tal-bieb ewlieni tal-Palazz. Ma hemmx għal fejn wieħed igħid kif ġie milqugħ minn zijietu dan l-imbierek ta' Abbati: kienu tant jixtiquh? Tmasħnu tant mal-missier biex jibagħtu għandhom? jista' wieħed jaħseb li ma laqgħux kif kien jistħoqqlu? U il-missier ħieni u b'demmu biered, jaf sgur li Ibnu qiegħed imkenni mill-aħjar li jista' ikun.

Għadda l-jum, u l-bhima għadha marbuta mal-bir tal-misraħ. Ta' min hi? Ħadd ma jaf! X'sarm innha, mhux ta' ħtieġa għal din il-ġrajja....

Għadda jum, jumejn, waslet it-tmiem tal-gimgħa u l-bidu ta' gimgħa oħra Kemm ser idum għand zijietu, Ibni? mar igħid il-Baruni; bagħat il-qaddejja tiegħu għal biex igħidilhom li hu, il-Baruni, jinsab imħasseb wisq għax l-Abbati ma reġax lura għall-Imdina.... Din l-aħbar għaġġbet bla tarf iż-żijiet, li wieġbu lill-qaddejja, li ilhom żmien ma jaraw lis-sur Abbati, u li jistgħagbu kif is-sur Baruni qatt ma ħallieh igħaddi jumejn magħhom, huma li jħobbuh daqs ruħhom!!? Min rah? Meta ġiè? Le le!!!

Għal bxara hekk qalilha, tistgħu taħsbu kif il-Baruni tbellah, tnikket, nixef, tbekka, għela, tħasseb: Għamel stħarriġa, u sab li l-bhima ta' ibnu kienet insabet marbuta mal-ħerża tal-bir fil-misraħ, ħdejn ix-xbieha tal-Vittoria, iżda ħadd ma setta' jobsor kif din insabet hemm weħidha.

Għamluhieli, qal b'leħen maħnuq, qerduh! iżda ma jarawx patakka mill-wirt tiegħi. U tassew; il-għaliex fit-testment li għamel, ħalla werrieta l-Knisja ta' San Lawrenz bil-ħsieb li b'hekk jinki il-werrieta u għal biex jibqgħu jiftakru fil-ħtija faħxija minnhom magħmula.

Issa l-għajdut illi ġiè mxerred mal belt hu dan. Malli giè taħt idejhom l-Abbati dawk il-qraba, marru igħidu, bħalma darb'oħra qalu dawk il-kefrin, li minnhom tħaddet Kristu Sidna: "Dan hu l-werriet, noqtluh, biex il-wirt jiġi mogħti lilna" (Luc: XX). u ngħad li qabduh, xeħtuh ġol-forn u ħarquh ħaj.

Jekk hi ta' min jemminha x-xniegħa, Alla ma ħalliex li dan id-delitt jibqa' moħbi, il-għalix minn dak in-nhar l-hawn dan l-Abbati baqa' kull għadd żmien jidher ħiereġ mill-forn. Bosta

kienu dawk li rawh u twerwru, u għal xi żmien dal-palazz baqa' battal, għax kienu jgħidu kien fih il-fatati.

Jien, għar-raġuni li qatt ma rajt ħarsijiet, qatt ma tajt widen għal dawn il-ħrejjef, u miegħi hemm bosta li jaqblu. Iżda meta nies oħra, ta' min jemminhom, li għandhom moħħom ffoku, nies ukoll ta' dehen, mhux għal kemm wieħed igħaddi ċerti ġrajja biċ-ċajt ! ! Kieku li wieħed ikun *preġudikat* jiġifieri li jkun diġa mbeżża' minn qabel; ħaġa biżżejjed ħafifa li jara jew jisma' għax il-moħħ tiegħu jkun ġa mniġġes minn qabel; iżda meta wieħed qatt ma sema' anqas tħasseb, qatt ma mela rasu bi ġrajjiet ta' din il-għamla, imbagħad jara tassew, allura dawn id-dehriet mhux ta' min jiċħadhom hekk ħesrem.

Nies barranin li ġew joqogħdu l-Birgu għal l-ewwel darba u krew fin-naħiet fejn hemm il-forn, l-ewwel darba jisimgħu jagħmlu x-xenati, għaliex lemħu ħiereġ abbati mill-forn. Ħsejjes li ma jistgħux ifissruhom li ġagħlu nies jitilqu l'barra f'nofs ta' lieli ġara wkoll. Jingħad ukoll illi fiż-żmien lil dan il-palazz kien mikri bħala Sptar, il-għassa ta' bil-lejl Suldat aktarx skoċċiż (fejn jaf dan bil-grajja ta' l-Abbati ?) lemaħ lil-dan l-Abbati liebes is-suttana u l-ispel-lizza ħiereġ mit-toqba tal-forn, u tant beża' li waqa' waranijiet u dam ma stejqen għal bosta sigħat. Bħal dawn il-ġrajja jingħataw bosta u bosta. Fl-aħħar dan il-Palazz ġie mill-familja nobbli ta' Xiberras mogħti ċens għal 99 sena lil Lorenzu Vella li dan qassmu u ferqu f'bosta mezzanini u kmamar u biddlu f'kerrejja. Mindu saret din it-tibdila u l-forn inqered, id-dehra ta' l-Abbati ma għadhiex tissemma, u l-ħrafa għodda għebet għal kollox. F'dan kollu li s'issa għedna, hemm xi għerq, xi bidu li wieħed għandu jorbot fuqu ? Hemm xi sisien tas-sewwa ? Meta wieħed jaqra l-iħbar ta' pajjiżi oħra, ma' ġrajja bħal dawn jiltaqa' ta' sikwiet. Fost il-għorrief hemm min igħidlek: il-għaliex dawn id-dehriet lil Tizju u l-Fulanu biss u ma jidhrux lil kulħadd ? Jien hekk naħsibha wkoll. Iżda hemm għorrief li jemmnuhom u nies li rawhom, u li tisħoqqilhom l-iktar qima għax qatt ma qalu gidba għal bżonn f'għomorhom. Fdin il-għlieda u taqbila ta' fehmiet, kif iġib ruħu t-twajjeb qarrej ta' din il-ġrajja, jew ħrafa ? Jagħmel dak li jrid u jogħġbu u jħaddan il-qawl latin li jgħid: *In dubiis, libertas !*

KAN. G. M. FARRUGIA

# PRONOSTKU MALTI 1935

## Konkors ta' Poeziji bil-Malti.

Id-Ditta GIOV. MUSCAT iddeċidiet illi għall-Konkors tal-Poeżiji għall-Almanakk " Pronostku Malti " tas-sena 1935 tagħti dawn il-premijiet għall-aħjar sitt poeżiji li tirċievi :—

L-Ewwel premju : 30 rumanz bl-inglis, kbar u sbieħ, u ta' awturi msemmija ;

It-Tieni premju : Klamar ta' lussu għal fuq l-iskrivanija;

It-Tielet premju : Mifsud — "Knights Hospitalliers of the Venerable Tongue of England in Malta";

Ir-Raba' premju : Cassell's — Dizzjunarju Franċis-Inglis u Inglis-Franċis.

Il-Ħames premju : Lapis tad-deheb għal but ;

Is-Sitt premju : Kalendarju perpetwu għal fuq l-iskrivanija.

KONDIZJONIJIET

1. Il-poeżiji għandhom jinbagħtu mhux iżjed tard mill-15 ta' Awissu ;
2. Il-poeżiji miktubin bl-ortografija ta' l-"Għaqda" ippreferiti ;
3. Il-poeżiji li ma jieħdux premju jistgħu jiġu ippublikati ukoll mingħajr ebda kumpens ;
4. Il-poeżiji li jinbagħtu ma jingħatawx lura;
5. Il-poeżiji hemm bżonn li jkunu kemm jista' jkun qosra;
6. Il-poeżiji jinbagħtu l-id-Ditta GIOV. MUSCAT, 48, Strada Mercanti, il-Belt ;
7. Il-premijiet jiġu mogħtija skond id-deċisjoni finali tal-Editur.